— –it-twettiq sussegwenti ta' ispezzjoni tat-taxxa, b'mod parallel ma' proċedura kriminali li matulha l-persuna taxxabbli tkun ġiet mixlija bir-reat ta' evażjoni tat-taxxa u li timponi fuq il-persuna taxxabbli obbligi fiskali anċillari kemm minħabba l-perijodu kif ukoll l-ammont diġà ipprovdut għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet statali matul il-fażi tal-investigazzjoni ta' qabel il-prosekuzzjoni, filwaqt li l-ipproċessar tal-ilment amministrattiv imressaq kontra l-miżuri amministrattivi tat-taxxa stabbiliti waqt li l-ispezzjoni ġie sospiż sal-għoti ta' deċiżjoni finali fil-proċeduri kriminali;

— –il-konklużjoni tal-kawża kriminali fl-ewwel istanza, bil-kundanna tal-mixli, fost oħrajn, għall-ħlas *in solidum* tal-ammont sħiħ impost fuq is-suspettati kollha fl-istadju tal-investigazzjoni kriminali, minkejja li ċerta parti biss minn dan l-ammont kienet imposta fuq il-persuna taxxabbli inkwistjoni, liema parti, barra minn hekk, ġiet imħallsa, u sa liema punt dawn l-azzjonijiet kollha, ikkunsidrati flimkien, huma ta' natura eċċessiva fil-konfront tal-istess persuna taxxabbli?

2) F'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-attitudni tal-awtoritajiet tal-Istat li tikkonsisti fin-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, mill-perspettiva fiskali, ta' ħlas imwettaq qabel ma jkunu saru definittivi s-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali, meta dan il-ħlas ikopri parti mill-obbligu fiskali impost fuq [il-persuna taxxabbli], hija kompatibbli mal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni b'mod ġenerali u mal-prinċipju *ne bis in idem* b'mod partikolari, anki jekk l-għan previst huea l-ġbir tad-djun fiskali favur l-Istat u l-ġlieda kontra l-frodi?

3) Fid-dawl tar-risposti għall-[ewwel] u [t-tieni] domandi suesposti, id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fil-kawża prinċipali li ma tqisx bħala ġbir tat-taxxa li jmur kontra d-ritt tal-Unjoni […] is-sitwazzjoni li fiha, minkejja li l-persuna taxxabbli tkun ħallset id-danni kriminali fl-istadju tal-investigazzjoni kriminali, bil-għan li tnaqqas il-piena tagħha bin-nofs, fl-assenza ta' titolu ta' dejn fiskali maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti sabiex joħorġu tali titolu jew fl-assenza ta' deċiżjoni definittiva mogħtija minn qorti kriminali, l-awtoritajiet fiskali jimponu, waqt kontrolli fiskali, obbligi fiskali aċċessorji, kemm minħabba l-perijodu kif ukoll l-ammont diġà ipprovdut għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet statali, fejn it-taxxa tinġabar mingħajr ebda bażi mill-mument tal-ħlas ta' din tal-aħħar sal-mument li fih jiġu imposti l-obbligi fiskali permezz ta' titolu ta' dejn fiskali jew permezz ta' deċiżjoni kriminali definittiva?

(1) ĠU 2006, L 347, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Ġermanja) fit-18 ta' Jannar 2019 — AT vs Pensionsversicherungsanstalt**

**(Kawża C-32/19)**

(2019/C 131/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* AT

*Konvenuta:* Pensionsversicherungsanstalt

**Domandi preliminari**

1. L-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2004/38/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2004/38"), għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiksbu dritt ta' residenza permanenti qabel ma jiddekorri perijodu ta' ħames snin ta' residenza, il-ħaddiema li, fil-mument li fih iwaqqfu l-attività tagħhom, ikunu laħqu l-età prevista mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-attività sabiex ikunu jistgħu jinvokaw id-drittijiet tagħhom għal pensjoni tax-xjuħija, għandhom ikunu eżerċitaw l-attività tagħhom għal mill-inqas it-tnax-il xahar preċedenti u għandhom ikunu rrisjedew fl-Istat Membru ta' attività mingħajr interruzzjoni għal mill-inqas tliet snin?

2. Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv:

   Il-ħaddiema jistgħu jkunu intitolati għad-dritt ta' residenza permanenti taħt l-ewwel alternattiva tal-Artikolu 17(1)(a) tad-Direttiva 2004/38 meta huma jibdew attività fi Stat Membru ieħor f'mument li fih huwa prevedibbli li huma ser ikunu jistgħu jeżerċitaw l-attività tagħhom biss għal perijodu relattivament qasir qabel ma jilħqu l-età legali tal-irtirar u li ser ikunu, f'kull każ, minħabba d-dħul baxx tagħhom, dipendenti fuq l-għajnuna soċjali tal-Istat Membru ospitanti wara li jkunu waqqfu l-attività tagħhom?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fil-25 ta' Jannar 2019 — HA vs Finanzamt Hamburg-Barmbek-Uhlenhorst**

**(Kawża C-47/19)**

(2019/C 131/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* HA

*Konvenut:* Finanzamt Hamburg-Barmbek-Uhlenhorst

**Domandi preliminari**

1) It-tagħlim tas-serfing u tal-ibburdjar jaqa' wkoll taħt il-kunċett ta' edukazzjoni skolastika jew universitarja fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) u (j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1])? Huwa biżżejjed li tali tagħlim jiġi offrut minn tal-inqas fi skola jew f'università tal-Istat Membru?

2) Sabiex jitqies li hemm inkwistjoni edukazzjoni skolastika jew universitarja fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) u (j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE huwa neċessarju li l-edukazzjoni tagħti lok għal rapport ta' evalwazzjoni jew huwa biżżejjed li l-kors tas-serfing jew tal-ibburdjar jiġi offrut fil-kuntest ta' attività organizzata mill-iskola jew l-università, bħal vjaġġ tal-klassi?